# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 83/2016

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Victoire Muliet**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Victoire Muliet, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 490975M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Mejju, Gunju u Lulju 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqset milli taghti lil Hamoud Abdulslam, is-somma ta' €450.00, ffissata minn dik il-Qorti jew ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2016 li permezz taghha sabet lill-imsemmija imputata Victoire Muliet hatja tal-imputazzjoni fit-termini tal-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali w ikkundanatha ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victoire Muliet, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex (1) tirrevoka s-sentenza appellata nkwantu l-appellanti nstabet hatja talli ma ssoministratx manteniment ghax-xahar ta' Mejju, 2015 u Gunju 2015 u tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' dik l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberaha; (2) fin-nuqqas li  tilqa' l-ewwel talba, tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hatja talli ma ssomministratx manteniment ghax-xahar ta' Mejju u Gunju 2015 u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami; (3) tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hatja talli ma ssomministratx manteniment ghax-xahar ta' Lulju 2015 u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Semghet lill-kwerelant bil-gurament;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif inhu evidenti, l-appellanta kienet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli naqset milli thallas lill-kwerelant dik ir-retta alimentarja kif ordnata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghal tlett xhur konsekuttivi. L-appellanta qed tikkontesta s-sejbien ta' htija kwantu n-nuqqas taghha li thallas il-manteniment dovut ghax-xahar ta' Mejju 2015 u Gunju 2015 izda mhix qed tikkontesta s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti kwantu l-fatti jirrigwardaw nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghax-xahar ta' Lulju 2015 b'dan illi imbaghad tghaddi biex titlob tibdil fil-piena kominata;

2. L-ewwel gravami tal-appell hu li l-appellanta qatt ma setghet tinstab hatja tal-fatt rigwardanti n-nuqqas taghha li thallas il-manteniment dovut ghax-xahar ta' Mejju u ta' Gunju 2015 u dan ghar-raguni semplici illi d-digriet li bih kienet ordnata thallas ir-retta alimentarja inhareg mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' Gunju 2015. Skond l-appellanta, permezz ta' dan id-digriet kienet ordnata thallas manteniment fix-xahar u li ghalhekk kellu jibda jghodd minn dakinhar li inghata. Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2016, l-Avukat Generali rregistra qbil ma' dak sollevat mill-appellanta meta ddikjara li ma kienitx obbligata thallas manteniment ghax-xahar ta' Mejju 2015 peress li ma kien hemm ebda digriet tal-Qorti in rigward;

3. Din il-Qorti pero', issa tinsab rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-appellanta tghid dak appena rikapitat, l-Avukat Generali jaqbel, almenu kwantu dan jolqot ix-xahar ta' Mejju 2015, u l-atti processwali mhumhiex kompleti b'mod li tista' ssir verifika dwar dan kollu. Dan ghaliex, ghalkemm in atti jirrizulta illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 2016 quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-kwerelant xehed u prezenta d-digriet, l-istess digriet ma baqax hekk prezenti prezumibilment ghaliex kien minnu irtirat u dan kien possibbli ghaliex kien prezentah *animo ritirandi.* Ezami ta' dan id-digriet minn din il-Qorti huwa essezjali u vitali ghal-kwistjoni hawn devoluta b'mod partikolari ghaliex gia hemm qbil mill-Avukat Generali li d-digriet ma kienx jobbliga lill-appellanta kwantu ix-

xahar ta' Mejju 2015 kif ukoll ghaliex aktarx ukoll illi l-appellanta ghandha ragun kwantu x-xahar ta' Gunju 2015. Issa fi kwistjoni ta' sejbien ta' htija f'kawza ta' natura kriminali, huwa imperattiv li jkun hemm attenzjoni massima ghall-verifika tal-fatti. Fil-kwistjoni hawn devoluta, din il-Qorti ma tkunx qed taghmel id-dover taghha jekk tikkonferma s-sentenza appellata kwantu dan jolqot hlas tal-manteniment ghax-xahar ta' Gunju 2015 semplicement ghaliex la darba sfugga lill-ewwel Qorti l-fatt li d-digriet ma kienx japplika ghax-xahar ta' Mejju hemm il-probabilita' ukoll li dan ma kienx japplika ghax-xahar ta' Gunju 2015 kif qed tallega l-appellanta. F'cirkostanzi bhal dawn, allura fejn l-appellanta kienet ikkundannata ghal xahar prigunerija, tghazel illi tikkunsidra li ma hemmx prova sufficjenti *qua* obbligu ta' hlas ta' manteniment ghax-xahar ta' Gunju 2015 u ghalhekk l-ewwel aggravju ser ikun milqugh;

4. It-tieni aggravju, izda, ma jistghax ikollu l-istess akkoljiment. L-appellanta tghid illi konsegwenza li ma kellha ebda obbligu thallas il-manteniment ghax-xahar ta' Mejju u Gunju 2015 isegwi li l-akkuza [recte: imputazzjoni] kienet wahda zbaljata meta kienet tirreferi ghat-tlett xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju 2015. Ic-citazzjoni hija allegazzjoni ta' fatt u fil-kwistjoni odjerna l-appellanta kienet imputata b'ommissjoni taghha li thallas il-manteniment ghat-tlett xhur indikati. Ma jfissirx b'daqhsekk illi ghaliex ma jirrizultax li kellha thallas ghal-tnejn minn dawk ix-xhur allura kien hemm zball fic-citazzjoni la darba setghet tinsab hatja biss ta' wahda minn dawk ix-xhur;

5. Kwantu it-tielet aggravju, jigifieri dwar il-piena kominata, l-appellanta targumenta illi l-piena kominata kienet wahda harxa u tressaq bhala gravami l-fatt illi ma kellhiex mezzi biex thallas il-manteniment meta deheret quddiem l-ewwel Qorti u ma kellha ebda hsieb li b'xi mod tonqos mill-obbligi taghha. Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2017, il-Kwerelant ikkonferma bil-gurament quddiem din il-Qorti illi wara s-sentenza appellata u fil-mori l-appellanta kienet hallset mhux

biss is-somma dovuta mertu ta' dan l-appell izda ukoll l-ammonti mertu ta' zewg appelli ohra ukoll pendenti quddiem din l-istess Qorti u li ma kien ghad fadallu ebda pretensjoni kontra l-appellanta;

6. Issa, ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appelli Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata, jibqa' l-fatt illi l-ghan tal-legislatur intlahaq appena l-appellanta ottemperat ruhha mal-ordni tal-Qorti billi hallset il-manteniment minnha dovut.

7. In vista ta' dan, kif ukoll tenut li l-appellanta ser tkun liberata mill-imputazzjoni rigward il-manteniment tax-xahar ta' Mejju u Gunju 2015, r-reat ma jistghax jitqies bhala wiehed kontinwat u ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti ser ikollha tkun temprata;

8. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tar-reat kontinwat fin-nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghax-xhur ta' Mejju u Gunju u minflok ma ssibhiex hatja talli naqset milli thallas il-manteniment lill-kwerelant ghax-xhur ta' Mejju u Gunju 2015 u tilliberaha in rigward. Tikkonferma s-sentenza appellata kwantu sabet lill-appellanta hatja talli naqset milli thallas il-manteniment ghax-xahar ta' Lulju 2015 lill-kwerelant u tirrevoka ukoll il-piena ta' xahar prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellanta ghal twiddiba.